



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Marzu 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0067(NLE)

7263/21
ADD 1

COEST 63
WTO 79

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Marzu 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 132 final - Annexes 1 to 2
Suġġett:	ANNESSI ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ u fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' opinjoni favorevoli għall-pjan direzzjonali komprensiv approvat mill-Gvern tal-Georgia għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata mal-akkwist pubbliku u li tirrikonoxxi t-tlestija tal-fażi 1 tal-Anness XVI-B tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuz id-dokument COM(2021) 132 final - Annexes 1 to 2.

Mehmuz: COM(2021) 132 final - Annexes 1 to 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.3.2021
COM(2021) 132 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ u fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' opinjoni favorevoli għall-pjan direzzjonali komprensiv approvat mill-Gvern tal-Georgia għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata mal-akkwist pubbliku u li tirrikonoxxi t-tlestija tal-fażi 1 tal-Anness XVI-B tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

ANNESS I

DEĊIŻJONI NRU .../2021 TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ

ta' xx.xx.2021

dwar il-valutazzjoni pożittiva tal-fażi 1 kif stabbilit fl-Anness XVI-B tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 146 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.
- (2) Il-Preambolu tal-Ftehim jirrikonoxxi l-impenn tal-Georgia biex progressivament tapprossimizza l-leġislazzjoni tagħha fis-setturi rilevanti ma' dik tal-Unjoni, f'konformità mal-Ftehim u biex timplimentaha b'mod effettiv, u b'hekk tikkontribwixxi għal assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika eqreb tal-Georgia mal-Unjoni għaċ-ċittadini kollha tal-Georgia inklużi l-komunitajiet diviżi bil-kunflitt.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 147 tal-Ftehim, il-Partijiet jaqblu li l-ftuħ effettiv u reċiproku tas-swieq rispettivi tagħhom għandu jintlaħaq gradwalment u simultanjament.
- (4) Skont l-Artikolu 146 tal-Ftehim, jenħtieġ li l-Georgia tiżgura li l-leġislazzjoni tagħha dwar l-akkwist pubbliku tiġi gradwalment approssimata mal-*acquis* tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, u li l-approssimazzjoni mal-*acquis* tal-Unjoni titwettaq f'fażijiet konsekuttivi kif stabbilit fl-iskeda fl-Anness XVI-B tal-Ftehim kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 2/2019 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ tat-18 ta' Ottubru 2019¹.
- (5) Skont l-Artikolu 146 tal-Ftehim, trid tittieħed deċiżjoni mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ għal kull waħda mill-fażijiet stabbiliti fl-Anness XVI-B tal-Ftehim fuq il-bażi ta' valutazzjoni pożittiva minn dak il-Kumitat.
- (6) L-Anness XVI-B tal-Ftehim kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 2/2019 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ tat-18 ta' Ottubru 2019 jistabbilixxi r-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati mill-Georgia għat-tlestija tal-fażi 1,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Qed tingħata opinjoni favorevoli għall-pjan direzzjonali komprensiv approvat mill-Gvern tal-Georgia fid-Digriet nru 536 tal-Gvern tal-Georgia tal-31 ta' Marzu 2016, “*Dwar il-bidliet ippjanati fil-qasam tal-Akkwist Pubbliku previsti f'konformità mal-obbligi bejn il-Georgia u l-*

¹ ĠU L 296, 15.11.2019, p. 33.

UE fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA)'' kif emendat mid-Digriet nru 154 tat-22 ta' Jannar 2018 u d-Digriet nru 974 tat-12 ta' Ġunju 2020 tal-Gvern tal-Georgia.

Artikolu 2

Qed tingħata valutazzjoni pożittiva fir-rigward tat-tlestija mill-Georgia tal-fażi 1 kif stabbilit fl-Anness XVI-B tal-Ftehim abbażi tar-raġunijiet previsti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni ġiet stabbilita bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bil-Georgjan, b'kull test ikun ugwalment awtentiku.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi ...

*Għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni
fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ*

Il-President

Is-segretarji

ANNESS

Skont l-Anness XVI-B għaż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA), imsemmija fil-Kapitolu 8 tiegħu dwar l-akkwist pubbliku, għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin għat-tlestija tal-fażi 1:

- (1) L-implimentazzjoni tal-Artikolu 143(2) u l-Artikolu 144 tal-Ftehim;
- (2) Qbil dwar l-Istrateġija tar-Riforma stabbilita fl-Artikolu 145 tal-Ftehim.

Ad 1) a) Fir-rigward tal-ewwel rekwiżit, l-ewwel parti, l-Artikolu 143(2) jgħid li “l-Georgia għandha tinnomina b’mod partikolari:

- (a) korp eżekuttiv fil-livell ta' gvern ċentrali bil-kompitu li jiggarrantixxi politika koerenti u l-implimentazzjoni tagħha fl-oqsma kollha relatati mal-akkwist pubbliku. Dak il-korp jiffaċilita u jikkoordina l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u jiggwida l-proċess ta' approssimazzjoni gradwali mal-acquis tal-Unjoni, kif stipulat fl-Anness XVI-B tal-Ftehim;*
- (b) korp imparzjali u indipendenti li jkollu l-kompitu li jirrevedi d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kontraenti jew entitajiet matul l-għoti ta' kuntratti. F'dan il-kuntest, “indipendenti” tfisser li dak il-korp għandu jkun awtorità pubblika li hija separata mill-entitajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi kollha. Għandu jkun hemm possibbiltà li d-deċiżjonijiet meħuda minn dan il-korp ikunu suġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju.”*

Ir-rekwiżit għall-Artikolu 143(2)(a) tlesta fit-23 ta' April 2014 bid-Digriet tal-Gvern Nru 306.

Il-korp eżekuttiv ċentrali fil-livell ta' gvern ċentrali Georgjan inkarigat li jiggarrantixxi politika koerenti u l-implimentazzjoni tagħha fl-oqsma kollha relatati mal-akkwist pubbliku huwa l-Aġenzija tal-Akkwist Pubbliku tal-Istat (SPA) tal-Georgia. L-SPA hija entità ġuridika indipendenti taħt id-dritt pubbliku awtorizzata biex tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar l-Akkwisti Pubbliċi tal-Istat (PPL) u t-twettiq tagħhom.

L-Aġenzija tal-Akkwisti Pubbliċi tal-Istat ġiet stabbilita bid-Digriet tal-President tal-Georgia Nru 223 tal-5 ta' Ġunju 2001, li kien ibbażat fuq il-PPL adottat fid-9 ta' Diċembru 1998 mill-Parlament tal-Georgia. Aktar tard l-SPA ingħaqad mal-Aġenzija tal-Kompetizzjoni tal-Georgia (GCA). Wara l-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, sabiex jiġu ssodisfati bis-sħiħ ir-rekwiżiti tad-DCFTA, l-SPA u l-GCA ġew diviżi f'żewġ istituzzjonijiet separati. Għaldaqstant, l-istatus attwali tal-SPA ġie ddeterminat mid-Digriet Nru 306 tal-Gvern tal-Georgia tat-23 ta' April 2014.

L-attivitajiet tal-SPA huma rregolati mill-Kostituzzjoni tal-Georgia, mill-ftehimiet internazzjonali, inklużi l-AA/DCFTA, il-Liġi u l-Istatut tal-SPA. Il-kontroll mill-Istat fuq l-attivitajiet tal-SPA huwa implimentat mill-Gvern tal-Georgia. Il-Gvern tal-Georgia japprova wkoll l-istruttura u l-Istatut tal-SPA.

Il-President tal-SPA jinħatar u jitneħħa mill-Prim Ministru.

Il-persunal tal-SPA jiġi rreklutat u promoss skont il-Kodiċi Industrijali. L-għadd totali ta' persunal permanenti bħalissa huwa ta' 123, u 22 impjegat huma impjegati fuq bażi ta' kuntratt għal perjodu limitat li jidher li hu adegwat fid-dawl tal-funzjonijiet li jwettaq bħalissa.

L-SPA bniet reputazzjoni qawwija fl-amministrazzjoni tal-gvern Georgjan, kif ukoll fost l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI), il-komunità tad-donaturi u l-partijiet ikkonċernati internazzjonali, għall-eżerċizzju tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħha

b'mod effiċjenti u effettiv. L-SPA għandha rwol ċentrali biex tiffaċilita u tikkoordina l-implimentazzjoni tal-obbligi tal-DCFTA u tiggwida l-proċess ta' approssimazzjoni gradwali mal-*acquis* tal-Unjoni, kif stipulat fl-Anness XVI-B tad-DCFTA. L-SPA għandha l-kapaċità li tappoġġa b'mod effettiv l-iżvilupp tas-sistema tal-akkwist pubbliku (inkluż ix-xenarju legali u l-ekosistema kollha) fil-Georgia.

Il-firxa ta' funzjonijiet li l-Liġi tagħti lill-SPA tkopri r-rekwiżiti ġenerali rakkomandati fil-prattika internazzjonali għal tali istituzzjonijiet sabiex jappoġġaw it-titjib tal-qafas legali u jsaħħu l-kapaċità operattiva fil-livell tal-awtoritajiet kontraenti u tal-operaturi ekonomiċi. Il-funzjoni regolatorja, il-funzjoni ta' monitoraġġ, il-help-desk u l-funzjonijiet ta' taħriġ huma eżerċitati b'mod adegwat mill-SPA.

Il-funzjonijiet addizzjonali tal-SPA huma dawn li ġejjin:

- Il-monitoraġġ tal-proċess tal-akkwist pubbliku;
- It-tħejjija u l-pubblikazzjoni ta' atti normattivi subordinati li jirregolaw il-proċess tal-akkwist pubbliku;
- L-istudju u l-analiżi tas-sitwazzjoni fis-sistema tal-akkwist pubbliku abbażi tar-rapporti rċevuti mill-awtoritajiet kontraenti u l-preżentazzjonijiet proposti lill-Gvern tal-Georgia biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti;
- It-tħejjija ta' programmi ta' taħriġ u għodod metodoloġiċi standard u speċjali, l-organizzazzjoni ta' seminars u ta' taħriġ għall-awtoritajiet awtogovernattivi ċentrali u lokali, ir-rappreżentanti tal-midja tal-massa u persuni interessati oħrajn;
- Il-ħolqien, l-aġġornament u s-supervizzjoni ta' bażi ta' *data* tal-akkwist pubbliku unifikata;
- Il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza lill-awtoritajiet kontraenti;
- L-appoġġ għall-introduzzjoni ta' teknoloġiji moderni tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fis-sistema tal-akkwist pubbliku;
- L-appoġġ għall-funzjonament tas-Sistema Elettronika Unifikata tal-Akkwist Pubbliku u l-iżgurar tal-fluss tad-dokumenti elettroniċi matul il-proċedimenti tal-akkwisti pubbliċi;
- Il-kunsiderazzjoni tat-tilwim li jinqala' matul l-akkwisti pubbliċi;
- Is-sorveljanza tal-legalità tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku u d-determinazzjoni tal-politika għar-regolamentazzjoni tal-proċedimenti tal-akkwisti pubbliċi;
- Iż-żamma tal-Lista s-Sewda u l-Lista l-bajda;
- L-identifikazzjoni u/jew l-integrazzjoni ta' oġġetti ta' akkwist pubbliku fis-sistema ta' klassifikazzjoni;
- It-twettiq ta' offerti kkonsolidati għal ċerti oġġetti ta' akkwist pubbliku;
- It-tħejjija ta' rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħha u l-preżentazzjoni tiegħu lill-Gvern tal-Georgia sal-15 ta' Mejju ta' kull sena u l-pubblikazzjoni tar-rapport fuq is-sit tal-SPA.

Ir-rekwiżit għall-Artikolu 143(2)(b) tlesta fit-2 ta' Lulju 2020 bid-Digriet tal-Gvern Nru 6730.

B'din il-liġi l-eks korp ta' reviżjoni "il-Kunsill għas-Soluzzjoni tat-Tilwim" (traduzzjoni formali mill-Georgjan) ġie abolit u ġie stabbilit korp pubbliku indipendenti u imparzjali ġdid.

Il-korp amministrattiv li għadu kif twaqqaf se jiffunzjona bħala korp ta' reviżjoni li jikkonċerna l-ilmenti li jirrigwardaw l-akkwist pubbliku, is-Sħubijiet Pubbliċi-Privati u l-attivitajiet ta' konċessjonijiet. L-emendi applikaw ukoll għal kwistjonijiet relatati mal-ġoti ta' kuntratti permezz ta' akkwist "simplifikat" (dirett, minn sors wieħed), eż. għall-proċedura biex tintalab l-approvazzjoni tal-Aġenzija Statali għall-Akkwisti għat-twettiq ta' tranżazzjonijiet ta' akkwist pubbliku permezz ta' akkwist "simplifikat" minħabba "neċessità urġenti".

Id-dispożizzjonijiet tal-Liġi tal-Georgia nru 6730 tat-2 ta' Lulju 2020 jipprevedu garanziji xierqa relatati mal-indipendenza u l-imparzjalità kif meħtieġ mill-Artikolu 143(2)(b) tal-Ftehim.

Ad 1) b) Fir-rigward tal-ewwel rekwiżit, skont l-Artikolu 144, il-Partijiet għandhom jikkonformaw ma' sett ta' standards bażiċi għall-ġoti tal-kuntratti kollha kif stipulat fil-paragrafi 2 sa 15 ta' dak l-Artikolu dwar il-pubblikazzjoni, l-ġoti ta' kuntratti u l-protezzjoni ġudizzjarja. Dawk l-istandards bażiċi joħorġu direttament mir-regoli u mill-prinċipji tal-akkwist pubbliku, kif irregolati fl-acquis tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni, inkluż il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, trattament ugwali, trasparenza u proporzjonalità.

Dawn il-prinċipji ġew inkorporati fir-regoli tal-Georgia dwar l-akkwist pubbliku bl-introduzzjoni ta' sistema tal-Akkwist elettroniku fl-2010 u bl-adozzjoni tal-emenda bil-Liġi tal-Georgia nru 617 tas-6 ta' April 2017 għal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku.

Fl-2010, il-Georgia introduċiet sistema tal-Akkwist elettroniku billi ħolqot l-hekk imsejħa "GE-GP" - "Sistema Elettronika Unifikata tal-Akkwist Pubbliku" tal-Georgia. Mill-introduzzjoni tas-sistema tal-Akkwist elettroniku, 100 % tal-akkwist pubbliku fil-Georgia jitwettagħ permezz tal-Akkwist elettroniku, li jiżgura t-trasparenza u jstimula l-kompetizzjoni. It-trasparenza tas-sistema tal-Akkwist elettroniku tikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-UE tal-prinċipji tal-pubblikazzjoni, peress li l-informazzjoni kollha dwar l-avviżi ta' offerti u l-ġoti ta' kuntratti hija kompletament trasparenti mingħajr ebda restrizzjoni.

Sabiex tissodisfa wħud mill-istandards bażiċi l-oħrajn tal-Artikolu 144 tal-Ftehim u biex tindirizza n-nuqqas ta' konformità tal-PPL, l-SPA ħejjiet abbozz ta' emendi għall-PPL. F'Diċembru 2016, il-Gvern tal-Georgia kien diġà approva l-emendi proposti u sussegwentement bagħathom lill-Parlament tal-Georgia. Dawk l-emendi ġew adottati mill-Parlament tal-Georgia fis-6 ta' April 2017 bil-Liġi tal-Georgia Nru 617. L-emendi kienu jikkonċernaw id-direzzjonijiet ewlenin li ġejjin: (a) il-prinċipji bażiċi; (b) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi; u (c) il-limiti taż-żmien.

- (a) L-emenda għall-PPL kienet tikkonċerna l-Artikolu 2(c) u l-Artikolu 13 tal-PPL sabiex jiġu introdotti l-prinċipji ta' trattament ugwali u proporzjonalità, li ma kinux imsemmija b'mod espliċitu fil-Liġi.
- (b) L-emenda għall-PPL kienet tikkonċerna l-Artikolu 12-1 (6) tal-PPL sabiex jiġi introdott l-użu ta' deskrizzjoni ġenerali tal-kriterji ta' prestazzjoni, tekniċi u/jew funzjonali għad-definizzjoni tal-karatteristiki tax-xogħlijiet, tal-provvisti jew tas-servizzi meħtieġa. Skont id-dispożizzjoni l-ġdida, l-awtoritajiet kontraenti se jkun jistgħu jfasslu speċifikazzjonijiet abbażi ta' kriterji ta' prestazzjoni, tekniċi u/jew funzjonali, u b'hekk din se tippermetti s-sottomissjoni ta' offerti li jirriflettu d-diversità tas-soluzzjonijiet tekniċi fis-suq. Għe speċifikat li l-preferenzi għandhom jingħataw lill-kriterji tal-prestazzjoni u funzjonali, meta jitfasslu r-rekwiżiti tal-offerta;

- (c) L-emenda introduċiet perjodi ta' żmien raġonevoli għas-sejħa għall-offerti u għall-familjarizzazzjoni mat-termini tal-offerta.

L-emendi tal-PPL daħlu fis-seħħ fid-19 ta' Lulju 2017. L-emendi l-ġodda żiedu l-limiti taż-żmien għas-sottomissjoni tal-offerti taħt il-limiti tal-Unjoni wkoll. Bħalissa l-limiti taż-żmien għal kull tip ta' proċedura, taħt jew 'il fuq mil-limiti tal-Unjoni, huma kif ġej:

Tip ta' Proċedura	Oġġett	Limitu Monetarju	Limiti taż-żmien
Sejħa għall-Offerti Elettronika	Kuntratti ta' provvisti u servizzi	Minn 5 000 GEL sa 150 000 GEL	7 ijiem
		150 000 GEL u aktar	10 ijiem
	Kuntratti tax-xogħlijiet	Minn 5 000 GEL sa 300 000 GEL	10 ijiem
		300 000 GEL u aktar	20 jum
'Il fuq mil-livelli limitu tal-UE	Kuntratti ta' provvisti u servizzi	EURO 135 000 u aktar	30 jum
	Kuntratti tax-xogħlijiet	EURO 5 225 000 u aktar	

Ad 2) Fir-rigward tat-tieni rekwiżit tal-fażi I kif stabbilit fl-Anness XVI-B, tal-Ftehim, meħtieġa l-approvazzjoni ta' pjan direzzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 145 tal-Ftehim. L-Artikolu 145(1) tal-Ftehim jipprevedi li, qabel il-bidu tal-approssimazzjoni gradwali, il-Georgia għandha tissottometti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, pjan direzzjonali komprensiv għall-implimentazzjoni tal-Kapitolu 8 tat-Titolu IV tal-Ftehim bi skedi u objettivi intermedji. Dan id-dokument, li skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandu jikkonforma mal-fażijiet u l-iskedi ta' żmien stabbiliti fl-Anness XVI-B, għandu jinkludi r-riformi kollha f'termini ta' approssimazzjoni mal-acquis tal-Unjoni u tal-bini ta' kapaċità istituzzjonali.

Fil-31 ta' Marzu 2016, il-Gvern tal-Georgia approva d-Digriet 536, dwar l-approvazzjoni tal-Pjan Direzzjonali "Dwar il-bidliet ippjanati fil-qasam tal-Akkwist Pubbliku previsti f'konformità mal-obbligi bejn il-Georgia u l-UE fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA)". Dan id-Digriet ġie emendat bid-Digrieti tal-Gvern Nru 154 tat-22 ta' Jannar 2018 u Nru 974 tat-12 ta' Ġunju 2020.

Dan il-pjan direzzjonali jinkludi r-riformi kollha f'termini ta' approssimazzjoni mal-*acquis* tal-Unjoni u l-bini tal-kapaċità istituzzjonali u jikkonforma mal-fażijiet u l-iskedi ta' żmien stabbiliti fl-Anness XVI-B tal-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 145 tal-Ftehim .

ANNEX II

DEĊIŻJONI NRU .../2021 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-GEORGIA

ta' xx.xx.2021

dwar l-għoti ta' aċċess għas-suq reċiproku għall-provvisti għall-awtoritajiet tal-gvern ċentrali f'konformità mal-Anness XVI-B tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikoli 146, 406 u 419(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim") ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.
- (2) Il-Preambolu tal-Ftehim jirrikonoxxi l-impenn tal-Georgia biex progressivament tapprossimizza l-leġiżlazzjoni tagħha fis-setturi rilevanti ma' dik tal-Unjoni, f'konformità mal-Ftehim u biex timplimentaha b'mod effettiv, u b'hekk tikkontribwixxi għal assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika eqreb tal-Georgia mal-Unjoni għaċ-ċittadini kollha tal-Georgia inklużi l-komunitajiet diviżi bil-kunflitt.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 147 tal-Ftehim, il-Partijiet jaqblu li l-ftuħ effettiv u reċiproku tas-swieq rispettivi tagħhom għandu jintlaħaq gradwalment u simultanjament.
- (4) Skont l-Artikolu 146 tal-Ftehim, jenħtieġ li l-Georgia tiżgura li l-leġiżlazzjoni tagħha dwar l-akkwist pubbliku tiġi gradwalment approssimata mal-*acquis* tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, u li l-approssimazzjoni mal-*acquis* tal-Unjoni titwettaq f'fażijiet konsekuttivi kif stabbilit fl-iskeda fl-Anness XVI-B tal-Ftehim kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 2/2019 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ tat-18 ta' Ottubru 2019². F'konformità mad-Deċiżjoni [1/2021 *għad trid tiġi kkonfermata*] tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ ta' [data], il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ ta' valutazzjoni pożittiva dwar it-tlestija tal-fażi 1 mill-Georgia kif stabbilit fl-Anness XVI-B tal-Ftehim
- (5) F'konformità mal-Artikolu 419(5) tal-Ftehim, jenħtieġ li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu fl-Artikoli 406 u 408 tal-Ftehim, jiddeċiedi dwar ftuħ ulterjuri tas-suq meta jkun previst fit-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² ĠU L 296, 15.11.2019, p. 33.

Artikolu 1

L-aċċess reċiproku għas-suq huwa b'dan mogħti għall-akkwist pubbliku ta' provvisti minn awtoritajiet tal-gvern ċentrali fl-Unjoni Ewropea lill-Georgia u għall-akkwist pubbliku ta' provvisti mill-awtoritajiet tal-gvern ċentrali tal-Georgia lill-Unjoni Ewropea fit-territorji kif speċifikat fl-Artikolu 429 tal-Ftehim.

Artikolu 2

Din id-Deċizzjoni ġiet stabbilita bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bil-Georgjan, b'kull test ikun ugwalment awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċizzjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi ...

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-President

Is-segretarji